Nru./No. 21,492
Prezz/Price
€6.84

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 22 ta' Awwissu, 2025
Friday, 22nd August, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 11,073 - 11,087
Government Notices ..... *11,073 - 11,087*

Avviżi tal-Pulizija ..... 11,087 - 11,091
Police Notices ..... *11,087 - 11,091*

Avviżi lill-Baħħara ..... 11,091 - 11,093
Notices to Mariners ..... *11,091 - 11,093*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 11,093 - 11,197
Employment Opportunities ..... *11,093 - 11,197*

Avviżi tal-Gvern ..... 11,197 - 11,216
Notices ..... *11,197 - 11,216*

Offerti ..... 11,216 - 11,218
Tenders ..... *11,216 - 11,218*

Avviżi tal-Qorti ..... 11,218 - 11,220
Court Notices ..... *11,218 - 11,220*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1311

KUMITAT DWAR IL-LIĊENZJAR TAL-BENNEJJA

Ħatra tal-Kumitat dwar il-Liċenzjar tal-Bennejja

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skont l-artikolu 5 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzja tal-Bennejja, L.S. 623,12, il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar lis-Sur Martin Farrugia bħala membru tal-Kumitat dwar il-Liċenzjar tal-Bennejja flok is-Sa Karen Schembri. Il-ħatra tas-Sur Farrugia hija valida għal tliet (3) snin mit-8 ta'Awwissu, 2025.

It-22 ta' Awwissu, 2025

Nru. 1312

ATT TAL-INĠINIERA (Kap. 321)

Bord tal-Inġiniera

NGĦARRFU b'din illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija skont l-Artikolu 6 tal-Att tal-Inġiniera (Kap. 321), il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi għamel din il-ħatra fuq il-Bord tal-Inġiniera:

Segretarju
Is-Sur Frans Chircop

Din il-ħatra hija effettiva mit-2 ta' Settembru, 2025, għal perjodu ta' tliet snin.

NGĦARRFU wkoll li l-Bord tal-Inġiniera issa huwa kompost kif ġej:

Chairperson
Dott. Noel Camilleri

Deputat Chairperson
L-Inġ. Keith Chetcuti

Membri
L-Inġ. Samuel Bonanno
Dott. Inġ. Kenneth Chircop
L-Inġ. Arthur Ciantar
L-Inġ. Simon Scicluna
L-Inġ Rudie Vella

Segretarju
Is-Sur Frans Chircop

It-22 ta' Awwissu, 2025

GOVERNMENT NOTICES

No. 1311

MASONS' LICENSING COMMITTEE

Appointment of the Masons' Licensing Committee

IT is hereby notified for general information that, in accordance with article 5 of the Masons' License Regulations, S.L. 623.12, the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector has appointed Mr Martin Farrugia as member of the Masons' Licensing Committee, instead of Ms Karen Schembri. The appointment of Mr Farrugia is valid for three (3) years as from 8th August, 2025.

22nd August, 2025

No. 1312

INĠINIERA ACT (Cap. 321)

Inġiniera Board

IT is hereby notified for general information that, in the exercise of the powers conferred by Article 6 of the Inġiniera Act (Cap. 321), the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works has made the following appointments to the Inġiniera Board:

Secretary
Mr Frans Chircop

This appointment is valid from the 2nd September, 2025, for a period of three (3) years.

IT is hereby also notified that the Inġiniera Board is now composed as follows:

Chairperson
Dr Noel Camilleri

Deputy Chairperson
Inġ. Keith Chetcuti

Members
Inġ. Samuel Bonanno
Dr Inġ. Kenneth Chircop
Inġ. Arthur Ciantar
Inġ. Simon Scicluna
Inġ. Rudie Vella

Secretary
Mr Frans Chircop

22nd August, 2025

Nru. 1313

BORD TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

Leġiżlazzjoni Sussidjarja 605.12

NGĦARRFU b'din illi l-Bord tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb inħatar kif jidher hawn taħt b'seħħ mill-10 ta' Lulju, 2025, għal perjodu ta' tliet (3) snin.

Executive Chairman
Is-Sur Mark Camilleri

Deputy Chairman
Dott. Omar Seguna

Membri
Is-Sa Daniela Attard Bezzina
Dott. Maria Brown
Is-Sur Godwin Vella
Il-Prof. William Zammit
Is-Sa Joanne Micallef
Dott. Simone Farrugia Inguanez

Segretarju
Is-Sur Matthew Borg

It-22 ta' Awwissu, 2025

No. 1313

BOARD FOR THE NATIONAL BOOK COUNCIL

Subsidiary Legislation 605.12

IT is hereby notified that the Board for the National Book Council has been appointed as shown below with effect from 10th July, 2025, for a period of three (3) years.

Executive Chairman
Mr Mark Camilleri

Deputy Chairman
Dr Omar Seguna

Members
Ms Daniela Attard Bezzina
Dr Maria Brown
Mr Godwin Vella
Prof. William Zammit
Ms Joanne Micallef
Dr Simone Farrugia Inguanez

Secretary
Mr Matthew Borg

22nd August, 2025

Nru. 1314

WASTESERV (MALTA) LTD

Bord tad-Diretturi

NGĦARRFU illi saru l-ħatriet li ġejjin fuq il-Bord tad-Diretturi ta' Wasteserv Malta Limited għall-perjodu mit-18 ta' Lulju, 2025 sal-21 ta' Frar, 2026

Chairperson
Dott. Helen Caruana

Deputy Chairperson
Is-Sur Colin Borg

Direttur
Is-Sur Claudio Tonna

L-14 ta'Awwissu, 2025

No. 1314

WASTESERV MALTA LTD

Board of Directors

IT is notified that appointments have been made as follows on the Board of Directors of Wasteserv Malta Limited for the period from 18th July, 2025 to 21st February, 2026.

Chairperson
Dr Helena Caruana

Deputy Chairperson
Mr Colin Borg

Director
Mr Claudio Tonna

14th August, 2025

Nru. 1315

ĦATRA TA' AĠENT ACCOUNTANT GENERAL

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Marisabelle Azzopardi	Accountant General *Accountant General*	Teżor *Treasury*	9.9.2025 - 10.9.2025

It-22 ta' Awwissu, 2025

No. 1315

APPOINTMENT OF ACTING ACCOUNTANT GENERAL

THE Permanent Secretary in the Ministry for Finance has approved the following acting appointment:

22nd August, 2025

Nru. 1316

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (INFORMAZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Is-Sa Joanne Sciortino Trevisan	Aġent Direttur u Reġistratur tal-Istampa *Acting Director and Press Registrar*	Informazzjoni *Information*	22.8.2025 - 25.8.2025

It-22 ta' Awwissu, 2025

No. 1316

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INFORMATION)

THE Principal Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:

22nd August, 2025

Nru. 1317

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Stephenie Sant bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Nicole Cassar u dan għall-perjodu bejn il-5 ta' Settembru, 2025 u l-10 ta' Ottubru, 2025.

Illum it-Tlieta, 19 ta' Awwissu, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 1317

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Stephenie Sant to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Nicole Cassar for the period between the 5th September, 2025 and the 10th October, 2025.

Today Tuesday, 19th August, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1318

ELEZZJONI KAŻWALI 2025
IS-SIĠĠIEWI

Dikjarazzjoni tar-Riżultat ta' Elezzjoni Każwali

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali fl-Elezzjoni Każwali ta' Kunsillier, li saret fid-19-il jum ta' Awwissu, 2025, biex jimtela l-post li tbattal minn Farrugia Francine, Kunsillier għal-lokalità hawn fuq imsemmija, hawnhekk ngħarrfu illi l-poloz tal-votazzjoni fil-pakkett issiġillat tal-Kunsillier li l-post tiegħu tbattal ġew eżaminati u trasferiti skont il-liġi lill-kandidat nominat validament u li r-riżultat huwa kif jidher hawn taħt:

No. 1318

CASUAL ELECTION 2025
IS-SIĠĠIEWI

Declaration of Result of a Casual Election

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Casual Election of a Councillor, held on the 19th day of August, 2025, to fill the seat vacated by Farrugia Francine, an elected Councillor for the said locality, do hereby give notice that the ballot papers in the sealed parcel of the vacating Councillor were duly examined and transferred according to the validly nominated candidate and that the result is as shown hereunder:

Numru ta' voti fil-Pakkett *Number of votes in Parcel* } **725**

Numru ta' Kunsilliera li għandhom jiġu eletti *Number of Councillors to be elected* } **1**

Kwota *Quota* } **363**

Isem tal-Kandidat *Name of Candidate*	Għadd 1 *1st Count*
	Voti *Votes*
PARTIT NAZZJONALISTA	
VASSALLO STEPHANIE	665E
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	60
Total *Total*	725

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi VASSALLO STEPHANIE ġiet kif mistħoqq eletta Kunsillier għal-lokalità msemmija hawn fuq.
WE do hereby declare that was duly elected Councillor for the above-mentioned locality.

Id-data tal-lum, id-19-il jum ta' Awwissu, 2025
Dated this 19th day of August, 2025

JOE CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. AZZOPARDI V. DALLI R. DIMECH D. GALEA I. MICALLEF
M. PORTELLI S. SANT V. SCERRI A. SCIBERRAS J. SCICLUNA

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

It-22 ta' Awwissu, 2025 22nd August, 2025

Nru. 1319

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-FGURA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1084 tat-22 ta' Settembru, 2020, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Fgura', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1319

NUMBERING OF DOORS AT IL-FGURA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 1084 dated 22nd September, 2020, under the title 'Numbering of doors at Il-Fgura', the following amendments in **bold** should be made.

IL-FGURA

TRIQ NAZZARENO FARRUGIA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Vjal Kottoner

Left side entering from Vjal Kottoner

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
135, Anfield (Flettijiet)	11
Garaxx	13
137, Burzinu Apartments	15
139 (Garaxx)	17
Bag It Up (Ħanut)	19
143	21
145	23
Garaxx	25
Garaxx	27
Ħanut	29

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Vjal Kottoner

Right side entering from Vjal Kottoner

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
11, Anfield Apartments	11
13, Rose	**13**
15, Burzinu Apartments	15
17 (Garaxx)	17
19, **Dolce Casa Mobili** (Ħanut)	19
21	21
Ficura Heights, Mais 1	**23**
Daħla għall-garaxxijiet	**23A**
Ficura Heights (Flettijiet)	**25**
Bieb bla numru	**27**
29 (Ħanut)	29

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Nru. 1320

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MARSA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 208 tat-23 ta' Marzu, 1999, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Marsa', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1320

NUMBERING OF DOORS AT IL-MARSA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 208 dated 23rd March, 1999, under the title 'Renumbering of doors at Il-Marsa', the following amendments in **bold** should be made.

IL-MARSA

19. TRIQ SAN BERNARD

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq is-Salib tal-Marsa

Left side entering from Triq is-Salib tal-Marsa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq is-Salib tal-Marsa

Right side entering from Triq is-Salib tal-Marsa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
9A	28
Garaxx	30
Sit bla bini	32
Sit bla bini	34
Garaxx	36
Garaxx	38

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
28	28
Garaxx	**30**
Crave House (Uffiċini)	**32**
36 (Garaxx)	**34**
Bieb bla numru	**36**
38 (Garaxx)	38

It-22 ta' Awwissu, 2025

22nd August, 2025

Nru. 1321

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIS-SIĠĠIEWI

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 724 tat-18 ta' Settembru, 2009, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fis-Siġġiewi', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1321

NUMBERING OF DOORS AT IS-SIĠĠIEWI

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 724 dated 18th September, 2009, under the title 'Renumbering of doors at Is-Siġġiewi', the following amendments in **bold** should be made.

IS-SIĠĠIEWI

1. TRIQ IT-TABIB NIKOL ZAMMIT

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Santa Margerita

Left side entering from Triq Santa Margerita

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Mount Tabor	27
San Antonio	29

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Santa Margerita

Right side entering from Triq Santa Margerita

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
159	314
Garaxx	316

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Haven	31		
Garaxx	33		
Ave Maria	35		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
27, Mount Tabor	27	314	314
Daħla għall-garaxxijiet	**29**	**316, Ave Maria**	**316**
Bieb bla numru	**29A**		
Bieb bla numru (Flettijiet)	**29B**		
Danayr	**31**		
31, Hillside Apartments	**31A**		
31, Breeze	**33**		
35, Ave Maria	35		

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	195		
Rita House	197		
108, Polly and Joe	199		
Garaxx	201		
110, Fatima House	203		
Garaxx	205		
Garaxx	207		
Lily	209		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
195 (Garaxx)	195		
Daħla għall-garaxxijiet	**197**		
Bieb bla numru	**197A**		
Bieb bla numru (Flettijiet)	**197B**		
Daħla għall-garaxxijiet	**199**		
201, Melody	**201**		
Garaxx	**203**		
203	**205**		
207 (Garaxx)	207		
209, Lily	209		

Nru. 1322

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIS-SIĠĠIEWI

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 632 tas-27 ta' Awwissu, 1999, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fis-Siġġiewi', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1322

NUMBERING OF DOORS AT IS-SIĠĠIEWI

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 632 dated 27th August, 1999, under the title 'Renumbering of doors at Is-Siġġiewi', the following amendments in **bold** should be made.

IS-SIĠĠIEWI

16. TRIQ TA' L-GĦOLJA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Lorenzo Gafà

Left side entering from Triq Lorenzo Gafà

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	9
Fleur	11
Garaxx	13
Sweety	15
Garaxx	17
Garaxx	19
Garaxx	21
Niklusi	23
Garaxx	25
Mardrin House	27

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Lorenzo Gafà

Right side entering from Triq Lorenzo Gafà

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
9 (Garaxx)	9
11, Fleur (Flettijiet)	**11**
Garaxx	**13**
15, Kayandar	**15**
Garaxx	**17**
21	21
23, Niklusi	23
Mardrin Court	**25**
San Pawl	**27**
Daħla għall-garaxxijiet	**29**

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

** In-numru 19 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm mibni oriġinarjament.*

It-22 ta' Awwissu, 2025 22nd August, 2025

Nru. 1323

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIŻ-ŻEJTUN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 405 tat-12 ta' Mejju, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fiż-Żejtun', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1323

NUMBERING OF DOORS AT IŻ-ŻEJTUN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 405 dated 12th May, 2000, under the title 'Renumbering of doors at Iż-Żejtun', the following amendments in **bold** should be made.

IŻ-ŻEJTUN

14. TRIQ DUN ALWIĠ CAMILLERI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Dun Pawl Brunchel

Left side entering from Triq Dun Pawl Brunchel

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
9, Ben David	5
Garaxx	7
29	9
28, Erasmus	11
27, Clair De Lune	13
Garaxx	15
26, Raja	17
Garaxx	19
Garaxx	21

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Dun Pawl Brunchel

Right side entering from Triq Dun Pawl Brunchel

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Dun Pawl Brunchel

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
5, Ben David	5
Garaxx	7
9, **Ritmar**	9
11, Erasmus	11
13, Shalom	**13**
13 (Flettijiet)	**15**
17, Raja	17
St Catherine Court	**19**
21, **Thanks God** (Garaxx)	21

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Dun Pawl Brunchel

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Nru. 1324

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ/IŻ-ŻURRIEQ

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 955 tal-1 ta' Settembru, 2017, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Bubaqra, Iż-Żurrieq/Iż-Żurrieq', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1324

NUMBERING OF DOORS AT BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ/IŻ-ŻURRIEQ

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 955 dated 1st September, 2017, under the title 'Numbering of doors at Bubaqra, Iż-Żurrieq/Iż-Żurrieq', the following amendments in **bold** should be made.

BUBAQRA, IŻ-ŻURRIEQ

TRIQ FORTUNAT DALLI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Hompesch

Left side entering from Triq Hompesch

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Hompesch

Right side entering from Triq Hompesch

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	48
Sit bla bini	50
Sit bla bini	52
Sit bla bini	54
Sit bla bini	56

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
48 (Garaxx)	48
Bieb bla numru (Flettijiet)	**50**

** In-numri 52, 54 u 56 mhux se jintużaw peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm maħsub oriġinarjament.*

IŻ-ŻURRIEQ

TRIQ FORTUNAT DALLI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Vjal l-Indipendenza

Left side entering from Vjal l-Indipendenza

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Vjal l-Indipendenza

Right side entering from Vjal l-Indipendenza

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	58
Arzella (Flettijiet)	60
Garaxx	62
Sit bla bini	64
Sit bla bini	66
Sit bla bini	68
Sit bla bini	70
Bieb bla numru	72
Garaxx	74
Bieb bla numru	76

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		58 (Garaxx)	58
		60, Arzella (Flettijiet)	60
		62 (Garaxx)	62
		Sit bla bini	64
		Garaxx	**66**
		Melodija	**68**
		Sapphire Court	**70**
		Dream (Flettijiet)	**72**
		Bieb bla numru	**74**
		Daħla għall-garaxxijiet	**76**

It-22 ta' Awwissu, 2025

Nru. 1325

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIS-SIĠĠIEWI

Emendi u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 632 tas-27 ta' Awwissu, 1999, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fis-Siġġiewi', għandhom isiru dawn l-emendi u prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

22nd August, 2025

No. 1325

NUMBERING OF DOORS AT IS-SIĠĠIEWI

Amendments and Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 632 dated 27th August, 1999, under the title 'Renumbering of doors at Is-Siġġiewi', the following amendments and prolongation in **bold** should be made.

IS-SIĠĠIEWI

25. TRIQ IL-ĦSAD

Emendi – ***Amendments***

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Salvu Curso
Left side entering from Triq Salvu Curso

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	7
Angdor	9
Garaxx	11
Garaxx	13
1, Siolla	15

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Salvu Curso
Right side entering from Triq Salvu Curso

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bibiana	20
Garage	22
Dar il-Hena	24
Redentur	26

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
7 (Garaxx)	7	20, Bibiana	20
Garaxx	**9**	**Daħla għall-garaxxijiet**	**22**
11, Angdor	**11**	**Aloha**	**22A**
13, **Bella Hair Design (Ħanut)**	13	**Ohana (Flettijiet)**	**24**
15, Siolla	15	26, Redentur	26

Prolungament – *Prolongation*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
43, **McSims (Ħanut)**	43		

għandu jiżdied
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Villager Tours (Uffiċċju)	**45**		

It-22 ta' Awwissu, 2025

22nd August, 2025

Nru. 1326

No. 1326

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-ĦAMRUN

Kjarifika

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 195 tal-4 ta' Marzu, 2016, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Ħamrun', għandha ssir din il-kjarifika kif indikata b'tipi **grassi**.

NUMBERING OF DOORS AT IL-ĦAMRUN

Clarification

WITH reference to Government Notice No. 195 dated 4th March, 2016, under the title 'Numbering of doors at Il-Ħamrun', the following clarification in **bold** should be made.

IL-ĦAMRUN

38. TRIQ MILE END

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Sqaq il-Kubrit

Left side entering from Sqaq il-Kubrit

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Sqaq il-Kubrit

Right side entering from Sqaq il-Kubrit

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Flettijiet)	2C

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru **(Dar)**	2C

It-22 ta' Awwissu, 2025

22nd August, 2025

Nru. 1327

No. 1327

REVOKA TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Jiena hawnhekk niddikjara illi skont artikolu 43 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta dwar Artijiet tal-Gvern, qiegħed nirrevoka parti mid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Mejju, 2025, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru 750.

It-22 ta' Awwissu, 2025

(File No. L/0458/2023/1)

REVOCATION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that in accordance with article 43 of Chapter 573 of the Laws of Malta regarding Government Lands, I am revoking part of the Declaration by the President of Malta published in the Government Gazette of the 15th May, 2025, under Government Notice No. 750.

22nd August, 2025

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħaż-Żabbar:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 159 metru kwadru, li tmiss mill-Punent u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

B'approvazzjoni tal-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, ġie ikkonfermat illi l-art hawn fuq imsemmija m'ghadiex aktar meħtiega minn Infrastruttura Malta u għalhekk qiegħda ssir din ir-revoka li biha l-imsemmija art se tingħata lura lis-sidien.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija delinjata bil-kulur ikħal fuq il-pjanta P.D 2024_0265_10, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-20 ta' Awwissu, 2025

Description of the Land

The following land in Ħaż-Żabbar:

A plot of land measuring about 159 square metres, bounded on the West and South by Government Property on the East by property of unknown owners or more precise boundaries.

With the approval of the Minister for Transport, Infrastructure and Public Works, it has been confirmed that the above mentioned plot of land is no longer required by Infrastructure Malta and so this revocation is being made by which the mentioned land will be returned to the owners.

The abovementioned land is shown delineated with the colour blue on plan P.D 2024_0265_10, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

20th August, 2025

Nru. 1328

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIEN hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

It-22 ta' Awwissu, 2025
(File No. A/2043/1997)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fl-Iklin:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 2,578 metru kwadru, li tmiss mil-Lvant ma' triq pubblika u mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri u hija reġisrata fir-rekords tal-Awtorità bħala Tenement numru J53046.

L-art hawn fuq imsemmija fi Triq Anton Manwel Caruana qiegħda tiġi tterminata b' konnessjoni ma' proġett ta' rekreazzjoni.

No. 1328

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

22nd August, 2025

Description of the Land

The following land in Iklin:

A plot of land measuring about 2,578 square metres, bounded on the East by a public road and on the North and South by Government property or more precise boundaries and is registered in the records of the Authority as Tenement number J53046.

The abovementioned land in Triq Anton Manwel Caruana is being terminated in connection with a recreational project.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur ikħal fuq il-pjanta P.D. 2025_0478, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo, LLD
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-20 ta' Awwissu, 2025

The abovementioned land is shown marked with the colour blue on plan P.D. 2025_0478, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo, LLD
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

20th August, 2025

Nru. 1329

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIEN hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

It-22 ta' Awwissu, 2025
(File No. A/2044/1997)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fl-Iklin:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,860 metru kwadru, li tmiss mil-Lvant u min-Nofsinhar ma' triq pubblika u mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri u hija reġisrata fir-rekords tal-Awtorità bħala Tenement numru J53045.

L-art hawn fuq imsemmija fi Triq Karmenu Vassallo qiegħda tiġi tterminata b' konnessjoni ma' proġett ta' rekreazzjoni.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur ikħal fuq il-pjanta P.D. 2025_0475, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo, LLD
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-20 ta' Awwissu, 2025

No. 1329

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

22nd August, 2025

Description of the Land

The following land in Iklin:

A plot of land measuring about 3,860 square metres, bounded on the East and South by a public road and on the North by Government property or more precise boundaries and is registered in the records of the Authority as Tenement number J53045.

The abovementioned land in Karmenu Vassallo is being terminated in connection with a recreational project.

The abovementioned land is shown marked with the colour blue on plan P.D. 2025_0475, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo, LLD
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

20th August, 2025

Nru. 1330

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIEN hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku

No. 1330

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in

skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

It-22 ta' Awwissu, 2025
(File No. L/707/1967/15)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħaż-Żabbar:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 146 metru kwadru, li tmiss mil-Lbiċ u mil-Lvant ma' triq pubblika u mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern jew irjieħ verjuri u hija reġisrata fir-rekords tal-Awtorità bħala Tenement numru 072166.

L-art hawn fuq imsemmija f'Ħaż-Żabbar qiegħda tiġi tterminata b' konnessjoni ma' twessigħ ta' triq.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur ikħal fuq il-pjanta P.D. 2025_0764, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, il-Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta.

(Iff.) Dott. John Vassallo, LLD
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

L-20 ta' Awwissu, 2025

Nru. 1331

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
22.8.25	€92.024	€1.029

It-22 ta' Awwissu, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 192

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq

accordance with the provisions of the Government Lands Act (Cap. 573) of the Laws of Malta.

22nd August, 2025

Description of the Land

The following land in Ħaż-Żabbar:

A plot of land measuring about 146 square metres, bounded on the South West and East by a public road and on the North by Government property or more precise boundaries and is registered in the records of the Authority as Tenement number 072166.

The abovementioned land in Ħaż-Żabbar is being terminated in connection with the widening of a road.

The abovementioned land is shown marked with the colour blue on plan P.D. 2025_0764, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) Dr John Vassallo, LLD
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

20th August, 2025

No. 1331

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
22.8.25	€92.024	€1.029

22nd August, 2025

POLICE NOTICE

No. 192

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation

hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar is-Sibt, 23 ta' Awwissu, 2025, mis-7.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq Santa Marija minn Triq Batu sal-kappella ta' Santa Marija.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance.

Birkirkara

Nhar it-Tlieta, 26 ta' Awwissu, 2025, mis-2.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq is-Santwarju.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ix-Xagħra, Għawdex

Mis-6.30 p.m. tal-Ħamis, 28 ta' Awwissu, 2025 sas-1.00 a.m. tal-Ġimgħa, 29 ta' Awwissu, 2025, minn Pjazza l-Vittorja, Triq l-Ispiera u Triq il-Knisja;

Mill-11.30 a.m. tal-Ħadd, 31 ta' Awwissu, 2025 sas-2.00 a.m. tat-Tnejn, l-1 ta' Settembru, 2025, minn Pjazza l-Vittorja;

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Awwissu, 2025, mill-3.45 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq il-Bullara kantuniera ma' Triq l-Ispiera, Triq l-Ispiera u Pjazza l-Vittorja;

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Awwissu, 2025, mis-6.00 p.m. sas-7.00 p.m., minn parti minn Triq it-Tiġrija;

Nhar it-Tlieta, 2 ta' Settembru, 2025, mill-4.55 p.m. sat-8.05 p.m., minn parti minn Triq it-Tiġrija u Pjazza l-Vittorja;

Mis-7.00 p.m. tat-Tlieta, 2 ta' Settembru, 2025 sas-1.30 a.m. tal-Erbgħa, 3 ta' Settembru, 2025, minn Pjazza l-Vittorja u Triq 8 ta' Settembru;

Mis-6.00 p.m. tal-Erbgħa, 3 ta' Settembru, 2025 sas-1.00 a.m. tal-Ħamis, 4 ta' Settembru, 2025, minn Pjazza l-Vittorja;

Mis-7.00 p.m. tal-Ħamis, 4 ta' Settembru, 2025 sas-1.30 a.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, 2025, minn Triq Marija

65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żebbuġ

On Saturday, 23rd August, 2025, from 7.00 p.m. to midnight, through Triq Santa Marija from Triq Batu to Santa Marija's chapel.

Public transport will not be affected.

Clearance is required.

Birkirkara

On Tuesday, 26th August, 2025, from 2.00 p.m. to 8.00 p.m., through Triq is-Santwarju.

Public transport will be affected.

Xagħra, Gozo

From 6.30 p.m. of Thursday, 28th August, 2025 to 1.00 a.m. of Friday, 29th August, 2025, through Pjazza l-Vittorja, Triq l-Ispiera and Triq il-Knisja;

From 11.30 a.m. of Sunday, 31st August, 2025 to 2.00 a.m. of Monday, 1st September, 2025, through Pjazza l-Vittorja;

On Sunday, 31st August, 2025, from 3.45 p.m. to 8.00 p.m., through Triq il-Bullara corner with Triq l-Ispiera, Triq l-Ispiera and Pjazza l-Vittorja;

On Sunday, 31st August, 2025, from 6.00 p.m. to 7.00 p.m., through part of Triq it-Tiġrija;

On Tuesday, 2nd September, 2025, from 4.55 p.m. to 8.05 p.m., through part of Triq it-Tiġrija and Pjazza l-Vittorja;

From 7.00 p.m. of Tuesday, 2nd September, 2025 to 1.30 a.m. of Wednesday, 3rd September, 2025, through Pjazza l-Vittorja and Triq 8 ta' Settembru;

From 6.00 p.m. of Wednesday, 3rd September, 2025 to 1.00 a.m. of Thursday, 4th September, 2025, through Pjazza l-Vittorja;

From 7.00 p.m. of Thursday, 4th September, 2025 to 1.30 a.m. of Friday, 5th September, 2025, through Triq Marija

Bambina, Triq 8 ta' Settembru, Pjazza l-Vittorja, Triq it-Tiġrija, Triq l-Arċipriet Ġużepp Diacono u Triq Jannar;

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, 2025, mis-7.30 a.m. sal-11.30 a.m., minn Pjazza l-Vittorja;

Mis-6.30 p.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, 2025 sas-1.30 a.m. tas-Sibt, 6 ta' Settembru, 2025, minn Pjazza l-Vittorja, Triq l-Ispiera u Triq il-Knisja;

Mis-6.45 p.m. tas-Sibt, 6 ta' Settembru, 2025 sas-1.30 a.m. tal-Ħadd, 7 ta' Settembru, 2025, minn Triq Ta' Mannar, Triq Ġnien Xibla, Triq it-Tiġrija u Pjazza l-Vittorja;

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Settembru, 2025, mis-6.00 a.m. sas-2.00 p.m., minn Pjazza l-Vittorja u parti minn Triq 8 ta' Settembru;

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Settembru, 2025, mill-3.45 p.m. sas-7.30 p.m., minn Triq it-Tiġrija u Pjazza l-Vittorja;

Mis-7.00 p.m. tal-Ħadd, 7 ta' Settembru, 2025 sas-2.30 a.m. tat-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025, minn Triq Marija Bambina, parti minn Triq 8 ta' Settembru, Pjazza l-Vittorja, Triq 28 ta' April 1688, Pjazza Sant'Anton, Triq San Ġużepp u Triq il-Knisja;

Nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025, mis-6.55 a.m. sal-10.05 a.m., minn parti minn Triq it-Tiġrija u Pjazza l-Vittorja;

Nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025, mit-8.30 a.m. sal-4.00 p.m., minn Triq Marija Bambina, Triq 8 ta' Settembru, parti minn Triq it-Tiġrija, Triq Ġużeppi Rapa, parti minn Triq l-Arċisqof Ġużepp Diacono u Pjazza l-Vittorja;

Mit-3.30 p.m. tat-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025 sas-1.30 a.m. tat-Tlieta, 9 ta' Settembru, 2025 minn Triq Marija Bambina, Triq 8 ta' Settembru, Pjazza l-Vittorja, Triq 28 ta' April 1688, Pjazza Sant'Anton, Triq San Ġużepp u Triq il-Knisja.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

L-Isla

Nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Awwissu, 2025, mill-4.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn Triq iż-Żewġ Mini.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat waqt il-ħinijiet imsemmija.

Ħal Qormi

Mill-Erbgħa, 3 ta' Settembru, 2025 sat-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025 (il-ġranet sħaħ) minn Trejqet il-Kolleġġjata.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Bambina, Triq 8 ta' Settembru, Pjazza l-Vittorja, Triq it-Tiġrija, Triq l-Arċipriet Ġużepp Diacono and Triq Jannar;

On Friday, 5th September, 2025, from 7.30 a.m. to 11.30 a.m., through Pjazza l-Vittorja;

From 6.30 p.m. of Friday, 5th September, 2025 to 1.30 a.m. of Saturday, 6th September, 2025, through Pjazza l-Vittorja, Triq l-Ispiera and Triq il-Knisja;

From 6.45 p.m. of Saturday, 6th September, 2025 to 1.30 a.m. of Sunday, 7th September, 2025, through Triq Ta' Mannar, Triq Ġnien Xibla, Triq it-Tiġrija and Pjazza l-Vittorja;

On Sunday, 7th September, 2025, from 6.00 a.m. to 2.00 p.m., through Pjazza l-Vittorja and part of Triq 8 ta' Settembru;

On Sunday, 7th September, 2025, from 3.45 p.m. to 7.30 p.m., through Triq it-Tiġrija and Pjazza l-Vittorja;

From 7.00 p.m. of Sunday, 7th September, 2025 to 2.30 a.m. of Monday, 8th September, 2025, through Triq Marija Bambina, part of Triq 8 ta' Settembru, Pjazza l-Vittorja, Triq 28 ta' April 1688, Pjazza Sant'Anton, Triq San Ġużepp and Triq il-Knisja;

On Monday, 8th September, 2025, from 6.55 a.m. to 10.05 a.m., through part of Triq it-Tiġrija and Pjazza l-Vittorja;

On Monday, 8th September, 2025, from 8.30 a.m. to 4.00 p.m., through Triq Marija Bambina, Triq 8 ta' Settembru, part of Triq it-Tiġrija, Triq Ġużeppi Rapa, part of Triq l-Arċisqof Ġużepp Diacono and Pjazza l-Vittorja;

From 3.30 p.m. of Monday, 8th September, 2025 to 1.30 a.m. of Tuesday, 9th September, 2025, through Triq Marija Bambina, Triq 8 ta' Settembru, Pjazza l-Vittorja, Triq 28 ta' April 1688, Pjazza Sant'Anton, Triq San Ġużepp and Triq il-Knisja.

Public transport may be affected.

Senglea

On Friday, 29th August, 2025, from 4.00 p.m. to 11.00 p.m., through Triq iż-Żewġ Mini.

Public transport will be affected during the mentioned times.

Ħal Qormi

From Wednesday, 3rd September, 2025 to Monday, 8th September, 2025 (whole days) through Trejqet il-Kolleġġjata.

Public transport will not be affected;

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, 2025 u nhar is-Sibt, 6 ta' Settembru, 2025, mis-2.00 p.m. sas-1.00 a.m., iż-żewġ ġranet, minn Triq il-Kbira.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Mill-Erbgħa, 3 ta' Settembru, 2025 sat-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025, mis-7.00 a.m sas-1.00 a.m., il-ġranet kollha, minn Triq il-Kbira mill-knisja parrokkjali sa Pjazza San Franġisk.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Mill-Ħamis, 4 ta' Settembru, 2025 sat-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025 (il-ġranet sħaħ) minn Triq il-Kbira fuq in-naħa tal-knisja parrokkjali.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Erbgħa, 3 ta' Settembru, 2025 u nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025 (il-ġranet sħaħ) minn Triq l-Isqof Scicluna u Triq il-Kardinal Xiberras.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance.

Is-Siġġiewi

Nhar is-Sibt, 13 ta' Settembru, 2025, mis-7.00 a.m. sa nofsillejl, minn Pjazza San Nikola, Triq il-Kbira minn Pjazza San Nikola sa Triq il-Qasira, Triq San Nikola mill-istatwa ta' Our Lady of Lourdes fi Triq Santa Margherita sa Pjazza San Nikola u Triq San Ġakbu (temporjament tinbidel fi triq one-way fejn il-karozzi se jkun jistgħu joħorġu biss minn Pjazza San Nikola).

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-22 ta' Awwissu, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 193

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-

On Friday, 5th September, 2025 and on Saturday, 6th September, 2025, from 2.00 p.m. to 1.00 a.m., on both days, through Triq il-Kbira.

Public transport will be affected;

From Wednesday, 3rd September, 2025 to Monday, 8th September, 2025, from 7.00 a.m. to 1.00 a.m., on all days, through Triq il-Kbira from the parish church to Pjazza San Franġisk.

Public transport will not be affected;

From Thursday, 4th September, 2025 to Monday, 8th September, 2025 (whole days) through Triq il-Kbira on the side of the parish church.

Public transport will not be affected;

On Wednesday, 3rd September, 2025 and on Monday, 8th September, 2025 (whole days) through Triq l-Isqof Scicluna and Triq il-Kardinal Xiberras.

Public transport will not be affected.

Clearance is required.

Siġġiewi

On Saturday, 13th September, 2025, from 7.00 a.m. to midnight, through Pjazza San Nikola, Triq il-Kbira from Pjazza San Nikola to Triq il-Qasira, Triq San Nikola from the Our Lady of Lourdes statue in Triq Santa Margherita to Pjazza San Nikola and Triq San Ġakbu (temporarily converted into a one-way street where vehicles will only be able to exit through Pjazza San Nikola).

Public transport will be affected.

Clearance is required.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

22nd August, 2025

POLICE NOTICE

No. 193

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby

Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Mellieħa

Mill-11.00 a.m. tal-Ġimgħa, 22 ta' Awwissu, 2025 sas-1.00 a.m. tas-Sibt, 23 ta' Awwissu, 2025, minn Misraħ il-Parroċċa;

Nhar it-Tlieta, 2 ta' Settembru, 2025, mill-11.00 a.m. sal-11.59 p.m., minn Misraħ il-Parroċċa;

Nhar il-Ħamis, 4 ta' Settembru, 2025, mill-4.30 p.m. sal-11.30 p.m., minn Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Parroċċa (clearance mill-BOV 'l isfel);

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, 2025, mill-4.30 p.m. sal-11.30 p.m., minn Triq il-Parroċċa;

Nhar is-Sibt, 6 ta' Settembru, 2025, mill-4.30 p.m. sal-11.30 p.m., minn Triq il-Parroċċa u Triq Sant'Anna;

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Settembru, 2025, mit-3.15 p.m. sal-10.15 p.m., minn Triq il-Parroċċa u Triq Sant'Anna;

Nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru, 2025, mis-2.00 p.m. sal-10.00 p.m., minn Misraħ il-Parroċċa u Triq il-Parroċċa.

Tas-Sliema

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Awwissu, 2025 mit-3.30 p.m. san-00.30 a.m., minn Triq San Piju V.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-22 ta' Awwissu, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 138 tal-2025

Wirja ta' Light Drone – Il-Port il-Kbir

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se ssir wirja ta' light drone fil-Port il-Kbir.

Il-wirja tal-light drone se ssir fiż-żona kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-provi tat-titjira tal-light drone se jsiru nhar il-Ħamis, 4 ta' Settembru, mill-11.00 p.m., sat-3.00 a.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, 2025.

notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Mellieħa

From 11.00 a.m. of Friday, 22nd August, 2025 to 1.00 a.m. of Saturday, 23rd August, 2025, through Misraħ il-Parroċċa;

On Tuesday, 2nd September, 2025, from 11.00 a.m. to 11.59 p.m., through Misraħ il-Parroċċa;

On Thursday, 4th September, 2025, from 4.30 p.m. to 11.30 p.m., through Triq Ġorġ Borg Olivier and Triq il-Parroċċa (clearance from BOV downwards);

On Friday, 5th September, 2025, from 4.30 p.m. to 11.30 p.m., through Triq il-Parroċċa;

On Saturday, 6th September, 2025, from 4.30 p.m. to 11.30 p.m., through Triq il-Parroċċa and Triq Sant'Anna;

On Sunday, 7th September, 2025, from 3.15 p.m. to 10.15 p.m., through Triq il-Parroċċa and Triq Sant'Anna;

On Monday, 8th September, 2025, from 2.00 p.m. to 10.00 p.m., through Misraħ il-Parroċċa and Triq il-Parroċċa.

Tas-Sliema

On Sunday, 24th August, 2025 from 3.30 p.m. to 00.30 a.m., through Triq San Piju V.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

22nd August, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 138 of 2025

Light Drone Show – Grand Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a light drone show displays, will be held inside the Grand Harbour.

The Light Drone Show displays will be held in the area as shown on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Light drone flight rehearsals will take place on Thursday, 4th September, from 11.00 p.m., to 3.00 a.m. of Friday, 5th of September, 2025.

Il-wirja tal-light drone se ssir nhar il-Ġimgħa 5 ta' Settembru, 2025, mill-9.45 p.m. sal-10.15 p.m.

Pożizzjoni	*Latitudni(T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 53'.314	014° 30'.464
B	35° 53'.249	014° 30'.571
C	35° 53'.384	014° 30'.691
D	35° 53'.449	014° 30'.584
E	35° 53'.447	014° 30'.610
F	35° 53'.584	014° 30'.677
G	35° 53'.410	014° 30'.671
H	35° 53'.599	014° 30'.740

Il-ħinijiet kollha huma f'ħin lokali.

Il-baħħara huma b'dan avżati biex sa fejn ikun possibbli jevitaw li jgħaddu fiż-żona msemmija hawn fuq.

Valletta VTS se tkun qed tmexxi l-moviment tal-bastimenti, fuq VHF Channel 12 fil-Port il-Kbir.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'kawtela meta jkunu fil-viċinanza, fid-dati u l-ħinijiet stipulati.

Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi u josservaw kwalunkwe struzzjoni maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kwalunkwe ufficjal tal-infurzar fuq il-post.

Il-pożizzjonijiet huma fil-WGS 84 Datum.

Chart affettwata: BA Chart 177

It-22 ta' Awwissu, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 139 tal-2025

Stħarriġ bl-Għadis (Benthic Broad-brush) fil-Bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara u lis-sidien tal-bastimenti li se jsir stħarriġ bl-għadis (benthic broad-brush) fil-Bajja ta' San Ġorġ f'San Ġiljan.

L-istħarriġ bl-għadis se jsir f'kull ġurnata bejn it-Tnejn, 25 ta' Awwissu, 2025 u t-Tlieta, 30 ta' Settembru, 2025, fiż-żona ffurmata billi jingħaqdu l-punti A, B u x-xatt ta' bejniethom, u se jkun hemm ukoll il-ġbir ta' kampjuni tal-Posidonia u tal-ilma minn punt X, kif muri bil-blu fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

The Light Drone display will be held on Friday, 5th September, 2025, from 9.45 p.m. to 10.15 p.m.

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 53'.314	014° 30'.464
B	35° 53'.249	014° 30'.571
C	35° 53'.384	014° 30'.691
D	35° 53'.449	014° 30'.584
E	35° 53'.447	014° 30'.610
F	35° 53'.584	014° 30'.677
G	35° 53'.410	014° 30'.671
H	35° 53'.599	014° 30'.740

All timings are in local time.

Mariners are hereby directed to avoid transiting in the abovementioned area to the extent possible.

Valletta VTS will be managing the movement of vessels, on VHF channel 12 within the Grand Harbour.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with caution when in the vicinity, on the stipulated dates and times.

They are to cooperate with the organisers and to comply with any instructions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Positions are in WGS 84 Datum.

Chart affected: BA Chart 177

22nd August, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 139 of 2025

Diving Survey (Benthic Broad-brush) within St George's Bay, St Julian's

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and owners of vessels that a diving (benthic broad-brush) survey will be held within Saint George's Bay in St Julian's.

The diving survey will be held on any days between Monday, 25th August, 2025 and Tuesday, 30th September, 2025, within the area formed by joining the points A, B and the intermediate coastline, and there will also be collection of Posidonia and water samples from point X, as shown in blue on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35˚55'.617	014˚29'.344
B	35˚55'.574	014˚29'.379
X	35˚55'.584	014˚29'.346

Matul l-istħarriġ, l-għaddasa se jkunu akkumpanjati minn bastiment ta' appoġġ li se jkun qed itajjar il-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A'.

Matul l-istħarriġ għandha tinżamm żona ta' sikurezza ta' 50 metru madwar iż-żona tal-istħarriġ u l-bastiment ta' appoġġ.

Il-kaptana u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, jipproċedu b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jinnavigaw fil-viċinanza taż-żona indikata hawn fuq.

Huma għandhom josservaw l-istruzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS.

Chart affettwata: BA 177

It-22 ta' Awwissu, 2025

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35˚55'.617	014˚29'.344
B	35˚55'.574	014˚29'.379
X	35˚55'.584	014˚29'.346

During the diving survey the scuba divers will be accompanied by a support vessel which will be displaying the International Code of Signals Flag 'A'.

A safety zone of 50m round the survey area and the support vessel, is to be kept during the survey.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, proceed with caution and at slow speed when navigating in the vicinity of the above indicated area.

They are to comply with instructions given on VHF Channel 12 and/or 16 by Valletta VTS.

Chart affected: BA 177

22nd August, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Espressjoni ta' Interess għal Bord ta' Evalwaturi ta' Kotba tal-Qari bil-Malti Diġà Ppubblikati

Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/205-01)

Introduzzjoni

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tistieden persuni kwalifikati li jixtiequ joffru s-servizzi tagħhom bħala parti minn Bord ta' Evalwaturi ta' kotba tal-qari bil-Malti, diġà ppubblikati mid-djar tal-pubblikazzjoni Maltin, biex jesprimu l-interess tagħhom li jipprovdu dan is-servizz.

Għanijiet

Persuni interessati huma mitluba joffru r-rati tal-ħlas (eskluża l-VAT) għal kull ktieb li jevalwaw, skont iċ-ċekkjatura li tinsab fis-sit elettroniku (https://nla.gov.mt/mt/avvizi/), f'kull waħda mill-kategoriji msemmija hawn taħt. Ir-rati tal-ħlas offruti mill-persuni interessati m'għandhomx jaqbżu r-rati (eskluża l-VAT) provduti f'din l-Espressjoni ta' Interess.

1. Kotba għat-tfal (etajiet sa 7 snin)

i. minn 16 sa 20 paġna – €3

ii. sa 30 paġna – €5

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Expression of Interest for an Evaluation Board of Already Published Reading Books in Maltese

Expression of Interest (Ref. 25/205-01)

Introduction

The National Literacy Agency invites qualified individuals who wish to offer their services as part of an Evaluation Board to evaluate already published reading books in Maltese to express their interest in providing this service.

Objectives

Interested individuals are required to submit their proposed rates (excluding VAT) per book evaluated, according to the checklist available at (https://nla.gov.mt/mt/avvizi/), for each of the following categories mentioned below. The rates provided below should be considered as the maximum allowable rates.

1. Books for children (ages up to 7 years)

i. From 16 to 20 pages – €3

ii. Up to 30 pages – €5

2. Kotba għat-tfal (etajiet minn 8 snin sa 12-il sena)

i. sa 50 paġna – €10

ii. sa 100 paġna – €20

3. Kotba għall-adolexxenti (etajiet minn 13 sa 16-il sena)

i. sa 500 paġna – €40

Spejjeż

L-ispejjeż kollha sostnuti mill-parteċipanti fir-rigward ta' din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/205-01) għandhom jiġu koperti esklussivament mill-parteċipanti stess. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu mhix responsabbli u mhi se tkopri l-ebda spiża jew telf sostnut mill-parteċipanti b'rabta ma' kwalunkwe aspett ta' din l-Espressjoni ta' Interess.

Responsabbiltajiet

Ir-responsabbiltajiet tal-membri tal-Bord tal-Evalwaturi:

Xogħol b'mod indipendenti:

L-evalwaturi huma mitluba jelenkaw żbalji fil-kotba kemm ortografiċi kif ukoll grammatikali.

Għandhom jikklassifikaw il-kotba f'kategoriji xierqa skont l-età.

Laqgħat fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu:

Il-Bord tal-Evalwaturi hu mistenni jitlaqqa' mhux inqas minn tliet darbiet fis-sena fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu. Din il-laqgħa titħallas b'rata fissa ta' €10.58 (eskluża l-VAT) għall kull siegħa lill-membri tal-bord.

Ħtiġijiet għas-Sottomissjoni

L-applikanti għandhom jippreżentaw l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien ma' ġabra tal-kwalifiki miksuba f'format tal-Europass Curriculum Vitae u kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom.

Kriterji ta' Eliġibbiltà

L-applikanti ma jistgħux ikunu awturi/illustraturi ta' kotba bil-Malti jew impjegati preżenti ta' djar tal-pubblikazzjoni lokali.

L-applikanti jistgħu jkunu edukaturi, librara (li ma jaħdmux direttament ma' pubblikaturi) jew persuni oħra li huma midħla tal-letteratura tat-tfal.

2. Books for children (ages 8 to 12 years)

i. Up to 50 pages – €10

ii. Up to 100 pages – €20

3. Books for adolescents (ages 13 to 16 years)

i. Up to 500 pages – €40

Costs

All costs incurred by participants in relation to this Expression of Interest (Ref. 25/205-01) must be covered exclusively by the participants themselves. The National Literacy Agency shall not be responsible for or cover any expenses or losses incurred by participants in connection with any aspect of this Expression of Interest.

Responsibilities

Responsibilities of the Members of the Evaluation Board:

Tasks to be carried out independently:

Evaluators are required to identify and list spelling and grammatical errors in the books.

They must classify the books into appropriate categories according to age.

Meetings at the National Literacy Centre:

The Evaluation Board is expected to meet not less than three times per year at the National Literacy Centre. This meeting is paid at a fixed rate of €10.58 (excluding VAT) per hour to board members.

Submission Requirements

Candidates must submit their expression of interest along with a portfolio of their qualifications, presented in the Europass Curriculum Vitae format, along with copies of their relevant certificates.

Eligibility Criteria

Applicants must not be authors/illustrators of Maltese books or current employees of local publishing houses.

Applicants may be educators, librarians (with no professional ties to publishers), or other individuals who are familiar with children's literature.

L-applikanti huma mistennija li jkollhom:

kwalifika fil-Malti fil-Livell 6 tal-MQF,

L-applikanti jistgħu jiġu mitluba jattendu għal intervista. L-Aġenzija tirriserva d-dritt li ssejjaħ biss lill-applikanti eliġibbli li joffru l-aħjar prezzijiet.

Kull parteċipant irid ikun Operator Ekonomiku li jibgħat invoice għall-ħidma tiegħu u rċevuta fiskali bħala konferma tal-ħlas.

Ftehim

Din l-Espressjoni ta' Interess hija valida għal tliet (3) snin mid-data tal-ħruġ tagħha u se tibqa' miftuħa matul il-perjodu ta' validità, għal kwalunkwe Operatur Ekonomiku li jissodisfa l-kriterji ta' għażla, billi jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet ġodda kull sitt (6) xhur. Kull Operatur Ekonomiku jiġi offrut kuntratt ta' sena li jista' jiġi mġedded kull sena għal tliet snin skont din l-Espressjoni ta' Interess bl-istess rata kkwotata fis-sottomissjoni.

Is-sottomissjonijiet f'format diġitali għandhom jintbagħtu lis-Sa Nicole Borg fl-indirizz elettroniku (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt) sa mhux aktar tard mit-Tnejn, l-1 ta' Settembru, 2025 f'nofsinhar.

Għal kull sottomissjoni li tirċievi l-Aġenzija, tintbagħat ittra ta' konferma, elettronikament.

Id-deċiżjonijiet finali mistennija jittieħdu fi żmien xahar mill-applikazzjoni, skont din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/205-01).

Għal aktar tagħrif, wieħed jista' jibgħat ittra elettronika lil (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt), jew iċempel bin-numru 2598 3301.

It-22 ta' Awwissu, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Promotur tal-Litteriżmu (Riżorsi tal-Litteriżmu bil-Malti), part-time, mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 796/2025 (l-ewwel sejħa)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Promotur tal-Litteriżmu (Riżorsi tal-Litteriżmu bil-Malti), part-time, b'kuntratt indefinit ta' 30 siegħa xogħol fil-ġimgħa.

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

Applicants must be in possession of:

a qualification in Maltese at MQF Level 6.

Applicants may be asked to attend an interview. The Agency reserves the right to contact only eligible applicants who offer the most competitive rates.

Each participant must be an Economic Operator capable of issuing an invoice for their work and providing a fiscal receipt as proof of payment.

Agreement

This Expression of Interest is valid for three (3) years from its issue date and will remain open throughout its validity period for any Economic Operator who meets the selection criteria. New applications will be considered every six (6) months. Each Economic Operator will be offered a one-year contract, which may be renewed annually for up to three years under the same rate quoted in the submission.

Digital submissions must be sent to Ms Nicole Borg (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt) no later than Monday, 1st September, 2025, at noon.

For every submission received, the Agency will issue an electronic confirmation letter.

Final decisions are expected to be made within one month of application submission, in accordance with this Expression of Interest (Ref. 25/205-01).

For any further inquiries, one may send an email to (nicole.borg.18@ilearn.edu.mt), or call on number 2598 3301.

22nd August, 2025

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for part-time Resource Leader, Literacy Resources in Maltese, within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number: 796/2025 (first call)

The National Literacy Agency is seeking to recruit a part-time Resource Leader, Literacy Resources in Maltese, on an indefinite contract (30 hours work per week).

Applicants are to satisfy the following criteria by the closing date:

1. Baċellerat rikonoxxut fil-Livell 6 tal-MQF (b'minimu ta' 180 ECTS) li jinkludi tal-anqas 60 ECTS fil-Malti, jew ekwivalenti, jew ogħla; U

2. Kompetenza fl-applikazzjonijiet tal-ICT, speċjalment fil-MS Office u, preferibbilment, dawk tad-disinn u/jew tal-editjar tar-ritratti diġitali.

Il-kwalifiki u l-esperjenza għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikati u/jew testimonjanzi. Kopji ta' dawn għandhom jinthemżu mal-applikazzjoni. Kopji elettroniċi huma aċċettabbli. Iċ-ċertifikati u/jew it-testimonjanzi oriġinali għandhom jiġu ppreżentati għall-verifikazzjoni waqt l-intervista.

Deskrizzjoni dettaljata tar-rwol u informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg jistgħu jinkisbu minn (https://nla.gov.mt/mt/sejhiet), jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, 2025, f'nofsinhar.

L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien tlett ijiem ta' xogħol. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-22 ta' Awwissu, 2025

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sejħa għall-Applikazzjonijiet f'Headship Positions

Il-Kumitat Konsultattiv għall-Ħatriet Anzjani (SAAC) jixtieq jidentifika individwi kompetenti biex ikunu rrakkomandati biex jimtlew Headship Positions fi Grad 4 (Skala ta' Salarju 4) fil-ministeri kif elenkat hawn taħt:

Director (Counter Terrorism and Border Management),
Security Division, MHSE

Director (Internal Audit),
Strategy and Innovation Division, MFIN

Director (Direct Taxation),
Legal, Technical and International Affairs Division, MFIN

Il-ħatra hija fuq bażi ta' Performance Agreement ta' erba' snin, u hija suġġett għal perjodu ta' prova ta' sena.

1. A recognised Bachelor's degree at MQF Level 6 (minimum of 180 ECTS) that includes at least 60 ECTS in Maltese, or equivalent, or higher; AND

2. Competency in ICT applications, especially MS Office, and preferably also including design and/or photo editing tools.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

A detailed job description, including conditions of employment, may be obtained from (https://nla.gov.mt/vacancies), or by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) by not later than Friday, 5th September, 2025, at noon.

Applications will be acknowledged within three working days. Late applications will not be considered.

22nd August, 2025

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Filling of Headship Positions

The Senior Appointments Advisory Committee (SAAC) wishes to identify suitable individuals and competent professionals who could be recommended to fill a Headship Position in Grade 4 (Salary Scale 4) in the following Ministries as listed hereunder:

Director (Counter Terrorism and Border Management),
Security Division, MHSE

Director (Internal Audit),
Strategy and Innovation Division, MFIN

Director (Direct Taxation),
Legal, Technical and International Affairs Division, MFIN

The appointment shall be made on the basis of a Performance Agreement for a period of four years and is subject to a one-year probation period.

Eliġibbiltà

Dawk eliġibbli għal din il-pożizzjoni jridu jkunu:

(a) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu ċittadini Maltin;

(b) l-applikanti jrid ikollhom rekord ippruvat ta' esperjenza aggregate ta' erba' (4) snin fil-livell ta' tmexxija għolja komparabbli ma' dik ta' pożizzjonijiet klassifikati fi skala 7 jew ogħla fis-Servizz Pubbliku flimkien ma' Livell 6 tal-MQF jew ogħla f'oqsma relatati;

(c) l-applikanti jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux qabel xahar mid-data li tkun ħarġet din is-sejħa għall-applikazzjonijiet u jgħidu jekk qatt kinux impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u jagħtu d-dettalji; u

(d) kapaċi jikkomunikaw tajjeb kemm verbalment kif ukoll bil-miktub bl-ilsien Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Il-kandidati jistgħu japplikaw **għal massimu ta' żewġ pożizzjonijiet** skont il-preferenza tagħhom. Il-Kumitat Konsultattiv għal Ħatriet Anzjani (SAAC) jidentifika liema minn dawk il-kandidati eliġibbli huma kompetenti biex jimlew dik il-pożizzjoni vakanti. Għalkemm il-kandidati prospettivi jistgħu jindikaw sa massimu ta' żewġ pożizzjonijiet tal-għażla tagħhom, huwa l-Kumitat Konsultattiv għal Ħatriet Anzjani (SAAC) li jinnomina lill-kandidat għal kwalunkwe pożizzjoni vakanti.

Proċedura tal-Intervista tal-SAAC

Il-kandidati li huma eliġibbli jkunu mitluba jagħmlu psychometric test li jsir fl-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (IPS).

Sussegwentament jintalbu joqogħdu għal intervista individwali għad-diskrezzjoni tal-Kumitat Konsultattiv għal Ħatriet Anzjani (SAAC).

Aktar tagħrif dwar l-għażla preliminari, il-proċess tal-intervista tal-SAAC u informazzjoni addizzjonali jinsabu fil-linji gwida – Nomination Process for Headship Positions – Notes for Prospective Applicants – aċċessibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/ExternalHeadshipCalls/2024/NominationProcess_Headships.pdf).

Kif tibgħat l-Applikazzjoni

Applikanti prospettivi huma mistiedna japplikaw permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ **biss** (https://recruitment.gov.mt) **sas-1.30 p.m. tat-Tnejn, 15 ta' Settembru, 2025.**

Eligibility

The eligibility of the respective positions are as follows:

(a) by the closing time and date of this call for applications, applicants must be citizens of Malta;

(b) applicants must have a proven track record of an aggregate four (4) years experience at senior management level comparable to that of positions classified in scale 7 or higher in the Public Service in addition to a pertinent MQF Level 6 or above in related areas;

(c) applicants must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details; and

(d) applicants must be proficient and able to communicate effectively both verbally and in writing in the Maltese and English languages.

Candidates may indicate **up to a maximum of two positions** as an indication of their preference. The SAAC will consider who, from among any of the eligible candidates, is suitable for a particular postion. While prospective candidates may indicate their preferences for up to two positions, it is the SAAC's prerogative to nominate any candidate to any of the positions advertised.

SAAC Interview Procedure

Eligible applicants will be required to sit for a psychometric test which will be held at the Institute for the Public Services (IPS).

Subsequently they will be called for an individual interview at the discretion of the Senior Appointments Advisory Committee.

Further details regarding the SAAC interview process and additional information may be viewed in the following guidelines – The Nomination Process for Headship Positions – Notes for Prospective Applicants – through (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/ExternalHeadshipCalls/2024/NominationProcess_Headships.pdf).

Submission of Applications

Prospective applicants are invited to apply through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt) **by not later than 1.30 p.m. of Monday, 15th September, 2025.**

Kopja tal-linji gwida ta' kif timtela applikazzjoni tista' tinkiseb minn (https://recruitment.gov.mt/manual/Recruitment%20Manual.pdf).

Dokumentazzjoni Meħtieġa mal-Applikazzjoni

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

curriculum vitae dettaljat (format Europass) li jrid jinkludi r-rekord tal-iżvilupp professjonali kontinwu u kisbiet ta' kwalifiki;

id-dokument tas-Service and Leave Record Sheet aġġornat u maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni.

Id-dokumenti 1 sa 2 hawn fuq għandhom jiġu skennjati u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ **(https://recruitment.gov.mt) mhux aktar tard mid-data u l-hin tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.**

L-applikazzjonijiet kompluti għandhom jinkludu dikjarazzjoni għal kull pożizzjoni li saret applikazzjoni għaliha, li tenfasizza:

(a) dikjarazzjoni ta' motivazzjoni; u

(b) il-viżjoni u x'azzjoni jeħtieġ li tittieħed biex tiġi implimentata tali viżjoni

Mhux aktar minn elf kelma għal (a) u (b).

APPLIKAZZJONIJIET LI JASLU TARD MHUX SE JIĠU KKUNSIDRATI. L-APPLIKANTI LI JITQIESU INELIĠIBBLI SKONT IT-TERMINI TA' DIN IS-SEJĦA SE JIĠU INFURMATI KIF XIERAQ.

L-applikanti huma mfakkra li hija r-responsabbiltà tagħhom li jiżguraw li d-dettalji tal-applikazzjoni tagħhom ikunu kompluti u korretti, kif ukoll is-sottomissjoni tad-dokumentazzjoni kollha meħtieġa. Għandha tintalab l-għajnuna f'każ ta' diffikultà.

Qabel ma jissejħu għall-intervista, l-applikanti prospettivi jkunu meħtieġa jimlew dikjarazzjoni li tindika kull kunflitt ta' interess possibbli jew potenzjali (eż. interessi tan-negozju, xogħol privat, eċċ.). Din id-dikjarazzjoni se tintbgħat b'email u għandha tintbgħat lura bl-istess mod sa dakinhar li jiġu għall-intervista.

Il-position descriptions għall-pożizzjonijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jinkisbu minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/ExternalHeadshipCalls/PositionsDescriptions.pdf).

It-22 ta' Awwissu, 2025

Guidelines to assist in the submission of applications online may be viewed on (https://recruitment.gov.mt/manual/Recruitment%20Manual.pdf).

Complete Application Checklist

Applications must include:

a detailed curriculum vitae (Europass format) which will include the continuous professional development record and attainment of qualifications;

an updated Service and Leave Record Sheet issued not earlier than one (1) month from the date of application (in the case of public officers).

Documents A to B above are to be scanned and sent through the Recruitment Portal **(https://recruitment.gov.mt) by not later than the closing date and time of the call for applications.**

Completed applications should include a statement for each position applied for, highlighting:

(a) motivation statement; and

(b) the vision and what action needs to be taken to implement such vision

not exceeding a thousand words for both (a) and (b).

LATE APPLICATIONS WILL NOT BE CONSIDERED. APPLICANTS WHO ARE DEEMED INELIGIBLE IN TERMS OF THIS CALL WILL BE INFORMED ACCORDINGLY.

Applicants are reminded that it is their responsibility to ensure the completeness and correct details of their applications, as well as the submission of all required documentation. In case of difficulty assistance can be requested.

Prior to being called for the interview, prospective applicants would be required to fill a declaration indicating any possible or potential conflict of interest (e.g. business interests, private work, etc.). The declaration form will be sent by email and is to be sent by email before attending the interview.

Position descriptions of the abovementioned positions can be obtained from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/ExternalHeadshipCalls/PositionsDescriptions.pdf).

22nd August, 2025

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) fl-Isptar Mater Dei fil-Ministeru tas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Is-sejħa għall-Pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) fl-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva hija maħsuba għal Gradwati Mediċi li m'għandhomx liċenzja jew reġistrazzjoni sħiħa bħala tabib.

2.2 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' mija u sitt (106) ġimgħat bħala House Officer (Foundation Doctor) fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, li jista' jiġi mġedded għal sena oħra u ma jeċċedix it-total ta' mija u tmienja u ħamsin (158) ġimgħa b'kollox, jekk il-Foundation Doctor ikollu bżonn tali estensjoni biex ilesti l-Programm tal-Foundation.

2.3 House Officer (Foundation Doctor) irid isegwi programm ta' taħriġ bil-għan li jġib il-Foundation Programme Completion Certificate (FPCC) sabiex ikun eliġibbli li japplika għat-taħriġ ta' Speċjalist Bażiku jew Taħriġ ta' General Practitioner. Aktar informazzjoni fuq il-Foundation Programme ta' Malta li hu affiljat mal-United Kingdom Foundation Programme tinsab fuq (https://fpmalta.gov.mt).

2.4 Il-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.5 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' żmien fiss, il-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) tikkostitwixxi raġuni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.6 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-

MINISTRY FOR HEALTH AND
ACTIVE AGEING

Position of House Officer (Foundation Doctor) in Mater Dei Hospital within the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the position of House Officer (Foundation Doctor) in the Ministry for Health and Active Ageing.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 The call for the Position of House Officer (Foundation Doctor) in the Ministry for Health and Active Ageing is intended for Medical Graduates who do not hold a license or full registration as medical doctor.

2.2 A selected candidate will enter into an assignment of one hundred and six (106) weeks as a House Officer (Foundation Doctor) in the Ministry for Health and Active Ageing, which may be renewed for further year and does not exceed a total of one hundred and fifty eight (158) week if the Foundation Doctor requires such extension in order to complete the Foundation Programme.

2.3 The House Officer (Foundation Doctor) is to follow the training programme with the aim of obtaining the Foundation Programme Completion Certificate (FPCC) in order to be eligible to apply for the Basic Specialist Training or General Practitioner Training. More information about the Malta Foundation Pro-gramme which is affiliated to the United Kingdom Foundation Programme may be found at (https://fpmalta.gov.mt).

2.4 The position of House Officer (Foundation Doctor) is subject to a probationary period of one (1) year.

2.5 Since this is a position time-barred, the position of House Officer (Foundation Doctor) constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.6 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the

persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.7 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk ilkandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw Kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3. Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) huwa ekwivalenti għal tarġa 5 fi Skala ta' Salarju 9 (li fis-sena 2025 huwa €28,934.34) fis-sena. Mat-tlestija ta' sena (1) servizz sodisfaċenti filpożizzjoni ta' Foundation Doctor, persuna fil-ħatra tipprogressa għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (li fis-sena 2025 huwa ta' €29,829.00 fis-sena).

Foundation Trainee Specialisation Allowance ta' €4,000 fl-ewwel sena u €4,400 fit-tieni sena li jitħallsu lill-House Officer (Foundation Doctor) f'pagamenti ta' tliet xhur b'lura. Special Duty Allowance ta' €4,920 jitħallsu lillFoundation Doctors li jaħdmu fuq bażi ta' roster. Din l-allowance titħallas kull tlett xhur b'lura. Foundation Doctors li jwettqu dmirijiet f'dawn l-oqsma ma jkunux intitolati għal allowance ta' xift.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor) huma:

i. Jassisti fit-twassil ta' kura tas-saħħa fl-isptarijiet u f'ambjenti varji tal-kura tas-saħħa fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva;

ii. Jaħdem fid-Dipartiment rispettiv fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u jaħdem il-ħin kollu taħt

selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.7 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Salary pegged to the position

3 The Salary attached to the position of House Officer (Foundation Doctor) is equivalent to Step 5 of Salary Scale 9 (which in the year 2025 is €28,934.34 per annum). Upon completion of one (1) year satisfactory service as Foundation Doctor, employees shall progress to the maximum of Salary Scale 9 (which in the year 2025 is €29,829 per annum).

A Foundation Trainee Specialisation Allowance of €4,000 in Year 1 and €4,400 in Year 2 which shall be paid to the House Officer (Foundation Doctor) in three-monthly instalments in arrears. An annual Special Duty Allowance of €4,920 will be paid to Foundation Doctors who perform duties on roster basis. This allowance will be paid quarterly in arrears. Foundation Doctors performing duties in these areas will not be entitled to a shift allowance.

Duties

4.1 The job duties for the position of House Officer (Foundation Doctor) include:

i. Assists in the delivery of health care in the hospitals and various health care settings in the Ministry for Health and Active Ageing;

ii. Works in the respective Department within the Ministry for Health and Active Ageing and work at all times

is-superviżjoni tas-superjuri tiegħu u jkun responsabbli direttament lejn il-Konsulent inkarigat;

iii. Jipparteċipa f'attivitajiet akkademiċi organizzati fi ħdan id-Dipartiment rispettiv;

iv. Itemm b'suċċess ir-rekwiżiti tal-Foundation Programme kif speċifikat fil-Gwida ta' Referenza flimkien ma' dawk speċifikati mill-Malta Foundation School fejn aktar informazzjoni tinkiseb mis-sit elettroniku (https://fpmalta.gov.mt/);

v. Jagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva;

vi. Iwettaq kull xogħol ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/lilha, kif ikun meħtieġ;

vii. Iwettaq kull dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizzi tal-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-amministrazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi

under the supervision of his/her seniors and will be directly accountable to the Consultant in charge;

iii. Participates in academic activities organised within the respective Department;

iv. Successfully completes the requirements of the Foundation Programme as specified in the Reference Guide together with those specified by the Malta Foundation School wherein further information is available on the website ((https://fpmalta.gov.mt/);

v. Makes use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health and Active Ageing;

vi. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her as may be required;

vii. Undertakes any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.2 An appointee may be required to perform duties in any of the Health Care Services of the Government of Malta at the discretion of the management.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence

Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk ilkażijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Applikazzjonijiet jiġu wkoll ikkunsidrati minn kandidati li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi u li ma jissodisfawx il-kriterji msemmija f'paragrafu 5.1 (i), dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija f'paragrafi 5.1 (ii) sa 5.3. Il-ħatra ta' tali kandidati teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Ingliża dment li jingħata rikonixximent xieraq lill-kandidati li għandhom ukoll ilħila li jikkomunikaw bil-lingwa Maltija. Proficjenza fil-lingwa Ingliża tiġi aċċettata jekk l-applikanti:

Jew

jipprovdu prova li l-kwalifika medika primarja saret bil-lingwa Ingliża; JEW

jipprovdu ċertifikat validu ta' IELTS (International English Language Testing System) fil-punteġġ medju tal-medja ta' 7.5 jew ogħla f'kull dominju.

Il-kandidati magħżula jridu juru proficjenza bażika fil-lingwa Maltija fi żmien sena (1) mill-ingaġġ. Dan ir-rekwiżit irid jiġi ssodisfat billi jgħaddu b'suċċess mill-eżami tal-Malti Mediku Bażiku għall-Professjonijiet tal-Kura tas-Saħħa, wara t-tlestija tal-korsijiet tal-Malti Mediku Bażiku Parti 1 u Parti 2 mill-istituzzjoni ta' taħriġ magħżula mill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva. Dawk maħtura li ma jkunux kisbu din iċ-ċertifikazzjoni fil-perjodu ta' prova, jingħataw estensjoni ta' darba biex jiksbu din iċ-ċertifikazzjoni b'suċċess.

permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

Applications will also be considered from candidates who are third-country nationals and do not satisfy the criteria set out in paragraph 5.1 (i), provided that they satisfy the requirements stated in para-graphs 5.1 (ii) to 5.3. The appointment of such candidates would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

ii. have the ability to communicate in the English Language provided that due recognition will be given to candidates who also have the ability to communicate in the Maltese language. Proficiency in the English Language will be accepted if applicants:

Either

Provide proof that the primary medical qualification was undertaken in the English Language; OR

Provide a valid certificate of IELTS (International English Language Testing System) at the medi-um band score of 7.5 or above in each domain;

Selected candidates must demonstrate basic proficiency in the Maltese language within one (1) year of engagement. This requirement must be fulfilled by successfully passing the Basic Medical Maltese for Healthcare Professions examination, following completion of the Basic Medical Maltese Part 1 and Part 2 courses from the training institution designated by the Ministry for Health and Active Ageing. Appointees who would have not obtained this certification within the probationary period, will be given a one time extension to successfully obtain this certification.

iii. (a) kwalifikati b'Degree fil-Mediċina u l-Kirurġija mill-Università ta' Malta; jew

(b) kwalnunkwe kwalifika medika bażika oħra First Degree f'Livell 7 tal-MQF ta' ħames (5) snin jew aktar minn skola medika akkreditata fi Stat Membru tal-UE;

L-imsemmija degrees iridu jkunu ngħataw mhux qabel l-1 ta' Jannar, 2023, u l-kandidati kollha jridu jkunu kisbu l-imsemmija kwalifika qabel l-ingaġġ.

iv. (a) jew elenkati fir-Reġistru Proviżorju miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta skont l-Artikolu 11, subartikolu 3 tal-Att dwar il-Professjonijiet tal-Kura tas-Saħħa (Kap. 464 tal-Liġijiet ta' Malta); JEW

(b) Gradwati mill-universitajiet barra minn dawk tal-Università ta' Malta għandhom jipprovdu evidenza fid-dikjarazzjoni tad-Dean imsemmija fil-paragrafu 5.1.(v) li huma jkunu eliġibbli biex jiġu kkunsidrati għar-reġistrazzjoni mill-bidu tal-Foundation Programme. Tali kandidati għandhom ukoll jiksbu l-Ittra ta' Intenzjoni mill-Kunsill Mediku ta' Malta li l-kwalifika tagħhom hija reġistrabbli u liema ittra għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni. Huwa rrakkomandat bis-sħiħ li dawn il-kandidati jagħmlu kuntatt direct mal-Kunsill Mediku ta' Malta hekk kif jesprimu l-interess tagħhom, biex jiżguraw li dan il-proċess ikun konluż fil-ħin. L-Ittri ta' Intenzjoni mill-Kunsill Mediku ta' Malta ma jiġux ikkunsidrati jekk jaslu iżjed tard mid-dati allokati għall-intervista, u dan jirriżulta li l-kandidati jiġu meqjusa ineliġibbli jew skwalifikati mill-proċess tal-għażla.

Tobba li jiggradwaw minn pajjiz terz għandhom jivverifikaw mal-Kunsill Mediku ta' Malta jekk humiex eliġibbli għar-Registrazzjoni Proviżorja qabel ma japplikaw għal dan il-Foundation Programme. Ikollhom bżonn ta' Ittra ta' Intenzjoni mill-imsemmi Kunsill.

Aktar minn hekk, il-kandidati li rnexxew għandhom inevitabbilment jiksbu l-imsemmija reġistrazzjoni qabel l-ingaġġ. Għal faċilità ta' referenza, is-sit elettroniku tal-Kunsill Mediku ta' Malta huwa (https://healthservices.gov.mt/en/regcounc/medicalcouncil/Pages/medcounc.aspx).

v. (i) jipproduċi Stqarrija tad-Dekan tal-Iskola Medika (kampjun disponibbli fuq (https://fpmalta.gov.mt)), li hija ffirmata, datata u ttimbrata u mimlija bl-Ingliż, li tinkludi:

(a) permess biex tapplika għall-Foundation Programme f'Malta;

(b) konferma li l-applikant huwa ta' good standing fl-iskola medika u meqjus xieraq biex jippratika l-Mediċina;

iii. (a) qualified with a degree in Medicine and Surgery from the University of Malta; or

(b) any other basic medical qualification First Degree at MQF Level 7 of five (5) years or more from an accredited medical school in an EU Member State;

The said degrees should have been awarded not earlier than 1st January, 2023, and all candidates must have obtained the said qualification prior to engagement.

iv. (a) EITHER be listed in the Provisional Register kept by the Malta Medical Council in terms of Article 11 sub-article 3 of the Health Care Professions Act (Cap. 464 of the Laws of Malta); OR

(b) Graduates from Universities other than the University of Malta must produce evidence in the Dean's statement referred to in paragraph 5.1(v) that they would be eligible to be considered for registration by the start of the Foundation Programme. Such candidates must also obtain a Letter of Intent from the Malta Medical Council that their qualification is registerable and which letter must be attached with the application. It is strongly advised that these candidates make direct contact with the Malta Medical Council as soon as they express their interest, to make sure that this process is concluded on time. Letters of Intent by the Malta Medical Council will not be considered if received after the dates allocated for interviews, and this will result in candidates being then deemed ineligible or disqualified from the selection process.

Doctors graduating from a non-EU Country need to check with the Malta Medical Council whether they are eligible for a provisional registration prior to applying to this Foundation Programme. They will require a letter of intent from the said Council.

Furthermore, successful candidates must inevitably obtain the said registration prior to the engagement. For ease of reference the website for the Medical Council of Malta is : (https://healthservices.gov.mt/en/regcounc/medicalcouncil/Pages/medcounc.aspx).

v. (i) Produce a Medical School Dean's Statement (sample available at (https://fpmalta.gov.mt)), which is signed, dated and stamped and completed in English, which comprises:

(a) permission to apply for the Foundation Programme in Malta;

(b) confirmation that the applicant is of good standing at medical school and considered fit to practice Medicine;

(c) konferma dwar jekk il-kwalifika medika primarja (inkluża struzzjoni, eżamijiet u ammont sinifikanti ta' kuntatt kliniku mal-pazjenti) kienet/qed titwettaq bl-Ingliż;

(d) id-data mistennija tal-kwalifika, fil-każ ta' applikanti li għadhom ma kkwalifikawx.

(ii) Dikjarażjoni li tista' tkun ivverifikata tar-ranking akkademiku f'deciles mill-iskola medika rispettiva tal-applikant. Dan id-dokument għandu jkun għad-dispożizzjoni tal-Malta Foundation School sad-data tal-intervista. Fejn l-informazzjoni rigward ir-ranking akkademiku huwa inkonsistenti mal-grading tad-decile jew nieqes, jintuża l-iscore akkademiku l-aktar baxx.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-pożizzjoni iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita jew fi grad/pożizzjoni inqas.

5.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għall-finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Tali kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 Il-kandidati li jixtiequ eventwalment ifittxu reġistrazzjoni sħiħa mill-Kunsill Mediku f'pajjiż barra minn Malta, għandhom ifittxu l-parir mill-Kunsill Mediku rispettiv peress li l-approvazzjoni prospettiva minn uħud mill-istruzzjonijiet ta' dak il-pajjiż tista' tkun meħtieġa. Persuni li jiggradwaw minn Skola Medika tar-Renju Unit li jixtiequ eventwalment ifittxu reġistrazzjoni mal-Kunsill Mediku Ġenerali tar-Renju Unit qed jingħataw parir li jfittxu l-approvazzjoni bil-miktub mid-Dekan tal-postgraduate qabel ma jissieħbu mal-Malta Foundation Programme.

5.4 B'addizzjoni mar-rekwiżiti f'5.1 hawn fuq, mal-bidu tal-impjieg u t-taħriġ, l-applikanti għandhom:

(i) ikunu fil-pussess taċ-ċertifikat validu rikonoxxut tal-Basic Life Support;

(c) confirmation of whether primary medical qualification (including instruction, examinations and a significant amount of clinical contact with patients) was/is being undertaken in English;

(d) the expected date of qualification, in the case of applicants who have not yet qualified.

(ii) A verifiable declaration from the respective medical school of the applicant's academic ranking in deciles. This document should be made available to the Malta Foundation School by the inter-view date. Where information regarding the academic ranking is inconsistent with decile grading or missing, the lowest academic score will be used.

Public officers applying for this position must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career line or in a defined position or in a lower grade/position.

5.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Candidates who wish to seek eventual full registration from the Medical Council in a country other than Malta, should seek advice from the respective Medical Council as prospective approval from some of that country's institutions may be required. Persons graduating from a UK Medical School who would like to eventually seek registration with the UK General Medical Council, are advised to seek written approval from the post-graduate Dean before joining the Malta Foundation Programme.

5.4 In addition to the requirements at 5.1 above, by the start of employment and training, applicants must:

(i) be in possession of a valid recognised Basic Life Support Certificate;

(ii) juru li fehmu u qablu mar-rekwiżiti minimi meħtieġa għat-tlestija tal-Foundation Programme billi jiffirmaw il-Foundation School Training Agreement.

5.5 Il-Kandidati li jirnexxu għandhom jattendu għall-eżami mediku u investigazzjonijiet rilevanti ta' qabel l-ingaġġ f'Malta, mill-inqas ġimagħtejn (2) qabel ma jieħdu l-pożizzjoni ta' House Officer (Foundation Doctor). In-nuqqas ta' eżami mediku ta' qabel l-impjieg fil-ħin jirriżulta f'dewmien fil-provvista tal-liċenzja tax-xogħol u l-permess tar-residenza u konsegwentament l-ingaġġ. Aktar minn hekk qed jiġi kkjarifikat li l-eżami mediku ta' qabel l-ingaġġ u l-investigazzjonijiet rilevanti, u l-kisba tal-liċenzja tal-impjieg huma mandatorji qabel il-bidu tal-ingaġġ/taħriġ, u l-kandidati prospettivi għandhom iħallu żmien biżżejjed biex jissetiljaw kollox QABEL il-bidu tal-programm li hu antiċipat li jibda fis-13 ta' Lulju, 2026.

